# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 332/2013**

Il-Pulizija

vs

**Diane Delia**

bint Anthony Brignone, imwieleda Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1979, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 297579(M)

Illum, 16 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Diane Delia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Awwissu, 2010 u fl-erba' xhur ta' qabel din id-data:

a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura id-droga **Eroina**, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma

kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga imsemmija minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellha fil-pussess taghha d-droga **Eroina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija il-pussess taghha u naqqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u  dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha**.

c) talli minghajr l-awtorita legittima dahhlet jew ipprovat idahhal **f'xi parti tal-konfini ta' habs** medicina (eroina) li hija medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi bi ksur ta'l-artikolu 7 tal-Kap.260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' Lulju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u ikkundannatha ghal perijodu ta' sena prigunerija u multa ta' seba mitt ewro (€700).

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannat lill-hatja thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €444.84 in konnessjoni mal-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellanta Diane Delia pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2013 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u tbiddilha f'dik il-parti fejn ikkundannatha ghal piena ta' sena prigjunerija effettiva u multa ta' Eur700, u tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi l-appellanta hija tal-umli fehma illi l-piena lilha nflittha kienet kiefra wisq fic-cirkostanzi.

Illi anke in vista tal-ammissjoni bikrija li ghamlet Diane Delia, dan l-appell huwa limitat ghall-ghoti ta' piena xierqa u idoneja fit-totalita tac-cirkostanzi, u bl-ebda mod ma jirrelata s-sejbien ta' htija nnifisha peress illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri, ma hemm l-ebda dubju li l-fattispecie jinkwadraw ruhom fl-akkuzi in dizamina.

Illi ghad li dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom fl-akkuza tat-traffikar ta' droga skedata, hemm distinzjoni xi ssir bejn traffikar komuni ghal skop ta' lukru illecitu, u t-traffikar f'dawn il-proceduri li huwa biss frott il-wegghat ta' mara u omm, li pprovat ittaffi xi ftit mill-ugiegh ta' zewgha.

Illi fic-cirkostanzi l-appellanta jidhrilha li ghandha taghmel ampja referenza ghas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'l-ismijiet **Il-Pulizija vs. Isabelle Brincat**, u deciza mill-Magistrat Dr. Laurence Quintano LL.D nhar il-11 ta' Gunju 2010.

Illi in effetti s-sentenzi sureferiti jirreferu ghal erba' incidenti separati li fihom l-imputata ittantat iddahhal id-droga Eroina lill-mahbub taghha gewwa l-konfini tal-habs.

Illi ghalhekk il-Pulizija ezekuttiva harget erba` citazzjonijiet u fuq ammissjoni sabet lill-imputata hatja u kkundannata ghal 6 xhur prigjunerija effettiva, u multa ta' EUR468 ghal kull wahda mill-erba` citazzjonijiet.
Illi tenut kont tac-cirkostanzi, l-imputata umilment tissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra piena simili li tkun tqarreb lejn il-minimu, u dan minhabba l-fatti pjetuzi li jirrizultaw kemm fil-kaz odjern, u kif ukoll dawk li rrizultaw fil-proceduri li ghalihom qieghda hawn issir referenza.

Illi di piu, ghandu jinghad li f'dik is-sentenza il-Qorti hasset li, ghad-drititttura kellha tinzel taht il-minimu f'l-istadju tal-appell.

Illi hawnhekk l-esponenti taghmel ampja referenza ghas-sentenzi moghtija f'l-ismijiet **Il-Pulizija vs. Isabelle Brincat**, decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali *per* Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D, nhar l-14 ta' Marzu, 2013.

Illi hawn il-Qorti, b'applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghazlet illi tapplika tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena ta' sitt xhur li giet moghtija f'erba kawzi separati fejn l-imputata ttantat iddahhal id-droga Eroina fil-konfini tal-habs, liema cirkostanzi jqarrbu hafna lejn dawk tal-kaz odjern.

Illi ghalhekk, l-imputata giet ikkundannata piena ta' xahar prigjunerija effettiva ghal kull wahda mill-erba' citazzjonijiet li nhargu fil-konfront taghha.

Illi hawn ukoll, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell isib konfort fic-cirkostanzi prezenti peress illi l-imputata Diane Delia kkooperat bis-shih ma' l-prosekuzzjoni u kif anke gie dikjarat mill-ufficjal prosekutur Diane Delia ghandha tibbenefika minn dak li jipprovdi l-artikolu 29 tal-Kap. 101.

Illi nhar is-27 ta' Awwissu, 2010, l-imputata Diane Delia tat l-istqarrija guramentata taghha f'seduta mmexxija mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna LL.D, fejn hija ghamlet referenza cara ghal minghand min, u f'liema cirkostanzi hija kienet ottjeniet id-droga eroina, ara fol. 8.

Illi ghalhekk din l-Onor. Qorti qieghdha wkoll tigi mitluba tikkonsidra dan it-tnaqqis ta' grad jew tnejn, li hija ghandha tibbenefika minnu skont il-ligi.

Illi naturalment l-appellanta qieghed umilment jinvita lil din l-Onorabbli Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet in vena legali dejjem fl-isfond tar-rizultanti li jemergu mis-*social inquiry report* li gie mhejji mill-ufficjal tal-probation, is-sinjura Carmen Nygaard.

Illi f'dan l-istess rapport insibu li Diane Delia hija mara tal-familja mimlija b'imhabba lejn bintha u lejn zewgha u li dak li ghamlet huwa kollu sforz id-dwejjaq li kienu jahkmuha meta r-ragel taghha Alfred Delia kien jghaddi minn tbatija kbira kull meta kien jittanta jaqta` l-vizzju tad-droga.

Illi jirrizulta wkoll li hija ghandha x-xewqa li tghaqqad il-familja taghha mill-gdid u titkompla hajjitha b'mod regolari ma dawk l-ghezez ghaliha.

Illi jigi rilevat ukoll li l-imputata ghandha fedina penali altro che netta, u li hija qatt ma kellha kawzi ohra quddiem din l-Onor. Qorti. Fil-fatt, din hija l-ewwel darba li hija xellfet difrejha mal-gustizzja.

Illi fil-fatt l-esponenti hija mara tad-dar tal-affari taghha rispettata minn kulhadd, pjenament integrata fis-socjeta, maghrufa bhala mara kwieta, u li trabbi tifla b'mod tajjeb hafna minkejja d-diffikultajiet kollha li skontrat fil-hajja taghha, partikolarment matul dawn l-ahhar snin.

Illi del resto jinghad li l-esponenti kkooperat bi shih ma' l-prosekuzzjoni, dejjem dehret ghall-udjenzi tal-Qorti fil-hin u bl-ebda mod ma iddelungaw il-proceduri inutilment.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher b'mod ampju li l-appellanta mhijiex persuna perikoluza ghas-socjeta` u li minhabba fid-diversi ragunijiet hawn fuq citati, ghandha tibbenefika mill-klemenza ta' dawn il-Qrati fl-ghoti tal-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu wiehed limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti. Mill-atti jirrizulta li kien hemm ammissjoni bikrija li l-appellant kienet ser idahhal 2.98 grammi eroina lil zewgha li kien mizmum fil-lock up. Hi fil-fatt haditlu xi pastini u f'dawn il-pastini kien hemm tlett boroz zghar tal-plastic traspraenti li kien fihom id-droga. Dan ghamlitu ghaliex ir-ragel taghha kien dipendenti fuq l-eroina.

Illi fil-kors tal-invesitgazzjoni tal-pulizija hi rrilaxxat stqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa fejn tat in formazzjoni siewi. Konsegwenza ta' dan, l-ufficjal prosekutur kien informa l-ewwel Qorti li l-appellant kellha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza tal-ewwel Qorti mkien ma jissemma l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, tali artikolu ma giex applikat fl-erogazzjoni tal-piena. Din il-Qorti fliet l-atti kollha ta' dan l-appell u hi sodisfatta li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ghandu jkun fil-massimu tieghu ta' zewg gradi. Dan jirrizulta car mill-fatt li l-azzjoni taghha kienet ispirata minn kompassjoni ghal zewgha li kien waqa' fil-vizzju tad-droga u ma fehemitx li l-azzjoni taghha kienet biss ser taggrava s-sitwazzjoni. Dan jirrizulta wkoll mill-ammont li hbiet fil-pastini u fil-fedina penali netta taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Diane Delia limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-

appellanta ghal piena ta' sena prigunerija u minflok bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannha ghal piena ta' xahrejn prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500). Tikkonferma li l-appellanta ghandha thallas €444.84 spejjez lir-Registratur tsl-Qorti in konnessjoni ma spejjez peritali.